MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 617/2001/1

**Cordina Insurance Agency Ltd**
**vs**
**Melrose Co Ltd**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ippresentata mis-socjeta’ attrici fid-19 ta’ April, 2001, li *in forza* taghha, wara li ppremettiet :
Illi s-socjeta konvenuta kienet tinnegozja mas-socjeta’ attrici bhala “salesperson” ta’ poloz ta’ assikurazzjoni mahruga mill-Black Sea and Baltic General Insurance Company Ltd li taghha s-socjeta’ attrici kienu agenti generali u attorneys;

Illi s-socjeta’ konvenuta kienet togbor il-premiums m’ghand l-assikurati u tghaddihom lis-socjeta’ attrici li

kienet responsabbli hi ghall-hlas tal-istess premiums lis-socjeta’ estera imsemmija apparti li dik il-parti tal-flus migbura li kienet tirraprezenta “stamp duty” kienet tinghadda mis-socjeta’ attrici lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni li dwar l-istess boll kien jaf u kienet responsabbli s-socjeta’ attrici;

Illi s-socjeta’ estera hi llum “in liquidation” u x-xoghol tas-socjeta’ konvenuta bhala “salesperson” spicca;

Illi s-socjeta’ konvenuta ghad fadlilha thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elfejn hames mija u tnejn u erbghin lira u tnejn u sittin centezmu (LM2,542.62c) bilanc ta’ premiums kompriza taxxa tal-boll u dana wara li tnaqqset kull kummissjoni dovuta lis-socjeta’ konvenuta;

Illi s-socjeta’ konvenuta naqset milli thallas dan l-ammont minkejja mitluba;

Talbet li s-socjeta’ konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tiddeciedi li s-socjeta’ konvenuta hi debitrici tas-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ LM2,542.62c kif fuq spjegat;
2. Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici l-ammont imsemmi ta’ LM2,542.62c jew somma ohra verjuri, minn din l-istess Qorti stabbilita;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-21.8.2000 u bl-imghax minn notifika ta’ dina l-ittra kontra s-socjeta’ konvenuta li hi ingunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista ta’ xhieda tas-socjeta’ attrici;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta Melrose Company Limited, li *in forza* taghha hija eccepiet :

1. Preliminarjament, is-socjeta' attrici trid, l-ewwelnett, tipprova illi hija hallset lis-socjeta' estera Black Sea and Baltic General Insurance Company Limited l-ammont ta' elfejn hames mija u tnejn u erbghin lira Maltin

u tnejn u sittin centezmu (Lm2542.62) mitlub minnha fic-citazzjoni kontra is-socjeta' konvenuta;

2. Fit-tieni lok, f'kaz li jirrizulta li s-socjeta' attrici ma hallsitx lis-socjeta' estera Black Sea and Baltic General Insurance Company Limited l-ammont mitlub mis-socjeta' konvenuta fic-citazzjoni, l-istess socjeta' attrici ma tistax tkompli tressaq it-talbiet taghha fic-citazzjoni odjerna stante li ma ghadx ghandha r-rapprezentanza tal-Black Sea and Baltic General Insurance Company Limited illi llum din hija fil-process ta' likwidazzjoni;

3. Bla pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tas-socjeta' attrici huma infomdati fil-fatt u fid-dritt stante li s-socjeta' konvenuta ma ghandha taghti xejn u dan ghaliex il-premiums kollha migbura mill-istess socjeta' konvenuta, kif ukoll boll iehor dovut thallsu, mis-socjeta' konvenuta fiz-zmien opportun lis-socjeta' attrici u dan kif ser jirrizulta mill-provi u fit-trattazzjoni tal-kawza;

4. Bla pregudizzju ghas-suespost, is-somma mitluba mis-socjeta' attrici hija eccessiva stante li s-socjeta' attrici diga' thallset u oltre dan l-istess socjeta' attrici kienet tvarja il-premiums wara li dawn kienu jigu konfermati minnha lis-socjeta' konvenuta u miftiehema mal-klienti tal-istess socjeta' konvenuta, kif ukoll l-istess socjeta' konvenuta giet diversi drabi debitata aktar minn darba ghall-istess bejgh ta' polza jew poloz;

5. Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tas-socjeta' konvenuta Melrose Company Limited;

Rat id-digriet taghha tal-25 ta' Novembru 2002 li permezz tieghu hatret lil Dr Lisa Lombardi bhala perit legali u lil John Bonnici bhala perit komputista bis-soliti fakultajiet inkluz il-fakulta li jisimghu xhieda bil-gurament;

Rat ir-rapport tal-imsemmija periti gudizzjarji,ipprezentat u mahluf minnhom waqt is-seduta tat-23 ta' Ottubru 2007;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tas-socjeta' attrici tat-28 ta' Marzu 2008;

Rat illi minkejja li inghatat il-fakulta illi tipprezenta nota ta' osservazzjonijiet, is-socjeta' konvenuta naqset milli taghmel dan;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat :

Illi s-socjeta' attrici kienet l-agent f'Malta tas-socjeta' estera Black Sea and Baltic General Insurance Company qabel mal-imsemmija socjeta' estera marret in likwidazzjoni. Is-socjeta' attrici kienet tigbor il-flus tal-poloz ta' assikurazzjoni tramite is-'salesmen' taghha, izzomm il-commission u tghaddi il-bilanc lis-socjeta' Black Sea and Baltic General Insurance Company Ltd. Il-flus illi kienet tghaddi s-socjeta' attrici lis-socjeta' Black Sea and Baltic General Insurance Company, inkluzi l-flus li jiffurmaw il-mertu tal-kaz, gew mghoddija lil Malta Financial Services Centre li skond il-Ligi tigbor il-flus kollha tal-kumpannija assikuratrici sabiex tipprotegi lin-nies inxurjati maghha. Il- Malta Financial Services Centre ma kienitx taghti l-ircevuta tal-flus, u dan skond ix-xiehda tas-Sur Maurice Cordina, u kien ghalhekk illi l-istess Maurice Cordina kien informa lil Malta Financial Services Authority li kien ghad fadal il-konvenut li kien ghadu ma hallasx u ghaldaqstant l-MFSA dahlu direttament f'negozjati mal-konvenut u il-konvenut hallas parti mis-somma dovuta lis-socjeta' attrici li da parti taghha ghaddiethom lill-Malta Financial Services Authority. Effettivament fil-fatt il-hlas ma sarx lil MFSA izda sar lis-Sur Maurice Cordina u hu ghadda il-flus lill-MFSA.

Illi irrizulta wkoll illi Maurice Cordina iccekkja mal-accounts l-ammonti li l-konvenut kien qieghed jallega li ma kienux dovuti lis-socjeta' attrici u irrizultalu li fil-fatt dawn il-flus kienu dovuti lis-socjeta' attrici. Minn zmien ghal zmien il-konvenut kien jghid lis-Sur Cordina sabiex imur ghandu

sabiex jaghtih xi pagamenti u s-Sur Cordina kien imur jigbor il-pagamenti on account u kien dejjem jghaddi ircevuta lill-konvenut. Is-Sur Cordina kompla jixhed illi l-konvenut minkejja li kien ghad fadallu jhallas bilanc lis-socjeta' attrici, baqa ma hallasx.

Ikkunsidrat :

Illi fl-ahhar seduta illi zammu il-periti gudizzjarji fl-1 ta' Lulju 2005 sar ftehim bejn il-partijiet fis-sens illi s-socjeta' konvenuta tesebixxi dokumenti li kellhom jinkludu wkoll notamenti li jindikaw *settlement in full* mis-socjeta' konvenuta f'perjodi partikulari. Izda minkejja li ghadda zmien twil, la d-dokumenti u lanqas noti ta' osservazzjonijiet ma gew ippresentati u il-Qorti fit-18 ta' Jannar 2007 ordnat lill-periti gudizzjarji sabiex jghaddu ghar-relazzjoni taghhom minghajr aktar dewmien.

Illi l-periti gudizzjarji iddecidew illi fuq l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta iholl u jorbot jekk huma jkomplux jezaminaw aktar fil-fond fil-merti tal-kawza u ghalhekk huma dehrilhom illi qabel xejn jittrattaw dawn l-ewwel zewg eccezzjonijiet, jigifieri jekk is-socjeta attrici kienetx hallset lis-socjeta' estera Black Sea and Baltic General Insurance Company Limited l-ammont ta' Lm2,542.62 mitlub mis-socjeta attrici ghaliex fin-nuqqas, "*l-istess socjeta ma tistax tkompli tressaq it-talbiet taghha stante li ma ghadx ghandha r-rapprezentanza tal-Black Sea and Baltic General Insurance Company Limited illi llum hija fil-process ta' likwidazzjoni.*"

Illi fl-ewwel seduta mizmuma fil-5 ta' Frar 2003 is-Sur Victor Cordina Direttur tas-socjeta' attrici xehed hekk :

*"Kull flus li kellna naghtu lill-Black Sea & Baltic inkluzi l-flus li jiffurmaw il-merti tal-kaz, ghaddejnihom lill-Malta Financial Services Centre li skond il-ligi tigbor l-flus kollha tal-kumpannija assiguratrici biex tipprotegi lin-nies inxurjati."*

Illi fis-seduta numru 6 mizmuma fit-18 ta' Frar 2004 Dr Marisa Attard, Direttrici ta' l-Assigurazzjoni tal-Malta

Financial Services Authority, migjuba mis-socjeta attrici, xehdet hekk :
"Nikkonferma li Cordina ma kellhom jaghtu xejn lill-Black Sea and Baltic finalment. Fost pagamenti ohra Cordina hallsu dak kollu li Cordina qed jghidu li ghadu dovut lilhom minn Melrose."

Illi fic-cirkostanzi il-periti gudizzjarji dehrilhom li gie ippruvat ampjament li s-socjeta' attrici ghad ghandha r-rapprezentanza tas-socjeta' estera u, ghalhekk, jistghu jghaddu biex jittrattaw it-tieni talba attrici u l-eccezzjonijiet l-ohra tas-socjeta konvenuta.

Illi l-periti gudizzjarji ghamlu s-segwenti konsiderazzjonijiet dwar il-merti finanzjarji tal-kawza :

Illi s-socjeta' attrici sostniet fic-citazzjoni u matul it-trattazzjoni tal-kawza illi ghandha tiehu l-ammont ta' elfejn hames mija u tnejn u erbghin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm2,542.62).

Illi permezz tax-xhud Dr Marisa Attard giet esebita ittra (Dok MA1) li permezz taghha d-ditta ta' l-awdituri Pricewaterhouse Coopers ikkonfermaw lill-Malta Financial Services Centre li l-ammont dovut mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici kien ilahhaq tlett elef seba' mija disa u sittin lira Maltija u tnejn u erbghin centezmu (Lm3,769.42) fil-31 ta' Dicembru 1999. Permezz ta' dokument iehor Dok MA5 esebit mill-istess xhud, irrizulta illi min dawn kienu depositati mis-socjeta konvenuta, f'kont miftuh b'isem l-M.F.S.C., l-ammont ta' elf mitejn sitta u ghoxrin lira Maltija u wiehed u tmenin centezmu (Lm1,226.81) li sussegwentement gew mghoddija lis-socjeta' attrici peress illi irrizulta li din kienet diga skuntat l-ammont kollu li kien dovut lis-socjeta' estera. Dan ihalli bilanc ta' elfejn hames mija tnejn u erbghin lira Maltija u wiehed u sittin centezmu (Lm2,542.61) inqas mit-talba attrici. Ic-Centru talab kemm-il darba lis-socjeta' konvenuta sabiex taghti raguni ghalfejn hallset dan l-ammont specifikament izda baqghet minghajr twegiba minghand s-socjeta' konvenuta.

Illi Daniel Borg, li kien jiehu hsieb ix-xoghol ta' assigurazzjoni tas-socjeta' konvenuta, xehed u ghamel referenza ghal dokument illi ghandu l-marka B parti mid-Doc VC6 esebit mis-socjeta attrici b'dan il-mod :

"Il-kitba ta' Dok B hija tieghi u f'dan id-dokument ir-ricevuta kienet iffirmata fil-21 ta' Jannar 1998. Dan id-dokument jirrifletti liema klijenti u kemm kienu hallsuni li l-flus taghhom ghaddejthom lis-Sur Cordina. Ma niftakarx jekk il-prezzijiet kienu net of commission li ninghata mid-ditta ta' assigurazzjonijiet. Dan il-hlas kien in full and final settlement ta' dak li kelli naghtihom sal-21 ta' Jannar 1998. Wara dan il-perjodu l-affarijiet baqghu sejrin mill-aghar ghall-aghar."

Illi Daniel Borg, taht kontro ezami xehed hekk:
"Nikkonferma li fil-pagna fejn hemm indikat il-hlas ta' elf disa mija tmienja u erbghin lira Maltin (Lm1948) ma hemmx indikat li dan kien pagament in full and final settlement….Jidhirli li ghidtlu li bil-pagament ta' elf disa mija tmienja u erbghin lira Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm1,948.37) kont qed inhallas ta' kull ma kelli naghti lil Cordina Insurance Agency Naqbel ma dak li qed jigi suggerit lili li skond jien fil-mument li ghamel dan il-hlas ma kienx ghad fadal pendenzi bejnietna."
Izda hawn hekk il-perit komputista ghamel din in-nota :
"L-ahhar twegiba saret wara titubanza."

Illi l-periti gudizzjarji komplew jaghmlu dawn l-osservazzjonijiet :
(i) apparti li ma kien car xejn fix-xhieda verbali tieghu r-rapprezentant tas-socjeta konvenuta ma esebixxa l-ebda dokument ukoll minkejja li fl-ahhar seduta huma stess talbu li jesebixxu permezz ta' Nota disa' faccati ta' Ledger antik tar-rapport li kellhom il-partijiet qabel il-21 ta' Jannar 1998 liema dokumenti kellhom jinkludu wkoll notamenti li jindikaw *settlement in full* mis-socjeta' konvenuta f'perjodi partikulari. Dawn ma gewx esebiti apparti l-fatt li kienu ser jaslu sa' dikinhar u mhux sa' wara meta l-affarijiet, skond Dione Borg marru mill-aghar ghall-aghar, jigifieri baqa' jsir negozju.

(ii) Minkejja li s-socjeta konvenuta hija obligata bil-Ligi li zzomm konteggi kompleti u dettaljati, minbarra li tara li jigu certifikati mill-awditur, fil-Kontro Ezami tieghu Dione Borg xehed li ma jistax jghid jekk il-konteggi kienux awditjati. Fl-ahhar seduta l-avukat tas-socjeta' konvenuta informa lill-Perit Komputista li fil-kotba tal-kumpanija Melrose tidher l-attivita tal-kumpanija bhala wahda globali u mhux tal-assigurazzjoni ghaliha. Infatti l-kotba tal-kumpanija qatt ma gew esebiti. Dione Borg stqarr li ma kienx izomm hlief xi pitazz jew registri b'informazzjoni limitata li jkun ha min notamenti li jkun zamm u mbaghad iddistrugga.
(iii) Min-naha taghha s-socjeta attrici esebit dak li tissejjah l-ahjar prova jigifieri l-kotba tan-negozju f'forma ta' Audit Trail ta' sistema ta' konteggi kompjuterizzata Dok VC6 u skond dan l-Audit Trail (li ma jistax isir tibdil fih minghajr ma jhalli hjiel) il-flus li hallset is-socjeta konvenuta kienu jwasslu sa' Awissu 1997 u mhux sa Novembru 1998 kif mitlub fic-citazzjoni.

Ghalhekk il-periti gudizzjarji waslu ghas-segwenti konkluzjoni :

Illi wara li hadu konsiderazzjoni ta' dan kollu l-esponenti waslu ghall-konkluzjoni illi s-socjeta attrici irnexxielha tipprova li ghad baqalha tiehu is-somma ta' elfejn hames mija tnejn u erbghin lira Maltija u wiehed u sittin centezmu (Lm2542.61) minghand is-socjeta konvenuta filwaqt li din ta' l-ahhar ma irnexxilhiex, imqar fuq bazi ta' probabilita', tirribatti t-talba attrici.

Ikkunsidrat :

Illi kif diga intqal aktar 'il fuq f'dan il-gudikat, is-socjeta' konvenuta, minkejja li kellha kull opportunita li taghmel dan, baqghet ma ressqet l-ebda nota ta' kritika ghar-rapport tal-periti gudizzjarji, jew nota ta' osservazzjonijiet kif fil-fatt ressqet is-socjeta' attrici.

Illi l-Qorti tiddikjara illi peress illi taqbel mal-konkluzjoni illi ghaliha waslu l-esperti gudizzjarji minnha mahtura hija

qeghda taddotta l-istess relazzjoni u taghmilha bhala taghha.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt illi tirrispingi l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta’ konvenuta, tilqa t-talbiet attrici u ghalhekk tiddikjara illi s-socjeta’ konvenuta hija debitrici tas-socjeta’ attrici fis-somma ta’ hamest elef disa mija u tnejn u ghoxrin Euro u wiehed u sebghin euro centezmu (€5,922.71), ekwivalenti ghal elfejn hames mija u tnejn u erbghin lira Maltija u tnejn u sittin centezmu (LM2,542.62c) kif spjegat u konsegwentement qeghda tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas lis-socjeta’ attrici l-imsemmi ammont ta’ hamest elef disa mija u tnejn u ghoxrin Euro u wiehed u sebghin euro centezmu (€5,922.71).

Bl-ispejjez u bl-imghax kif mitluba kontra s-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------